MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1644/2005

**Carmen Lia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Graces Company Lmited**

**vs**

**Tracey Mifsud u Robert Sultana**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici wara li ppremmettiet li:

- permezz ta' skrittura privata tas-7 ta' Novembru 2003 il-konvenuti obbligaw ruhhom bl-accettazzjoni tas-socjeta attrici li juzaw Villa Overhills ghal funzjoni ta' tieg li kellu jinzamm fid-29 ta' Lulju, 2005 versu l-prezz ta' Lm480 li minnu l-konvenuti hallsu Lm10 depozitu; il-bilanc kellu jithallas mhux aktar tard minn ghaxart ijiem qabel id-data tal-funzjoni. Skond l-istess skrittura privata, jekk ghal

xi raguni l-konvenuti kellhom jikkancellaw il-funzjoni, id-depositu jintilef u huma kellhom mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni; jekk il-konvenuti javzaw lis-socjeta attrici f'perjodu ta' anqas minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni, il-konvenuti jitilfu d-depozitu u jkunu ukoll obbligati ihallsu l-bilanc tal-prezz.

- kopja tal-imsemmi skrittura privata qed tigi hawn annessa markata Dokument 'A'.
- il-konvenuti ma avzaw xejn lis-socjeta attrici dwar il-funzjoni; fis-27 ta' Lulju 2005 is-socjeta attrici ikkontattjat lil konvenuta Tracy Mifsud fuq in-numru tal-mobile 79291254 fejn irrispondiet ommha li kkonfermat li ebda funzjoni ma kienet ser issir; meta mistoqsija ghaliex ma nformatnix qabel dwar dan, omm il-konvenuta Tracy Mifsud wiegbet li bintha ma jinteressajiex il-ftehim li kienet iffirmat.
- is-socjeta attrici baghtet ittra lil kull wiehed mill-konvenuti dwar dan fid-29 ta' Lulju 2005 u dwar il-bilanc tal-prezz li kellu jithallas. Is-socjeta attrici ma rceviet ebda risposta.

talbet hlas tas-somma ta' erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm470) bilanc tal-prezz kif fuq spjegat.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fit-3 ta' Novembru 205 u fit-18 ta' Awisu 2005 rispettivament, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbgha mija us ebghin lira Maltija (Lm470) b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------